TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

Avviz Numru CCT 11/13/GB

**Andrew Zammit**

**vs**

**Forestals Group of Companies**

Illum 24 ta' April 2013

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fil-11 ta' Jannar, 2013, fejn ir-rikorrent talab rifuzjoni ta' hames mija hamsa u sebghin Ewro (€575.00), rapprezentanti l-prezz li huwa hallas meta xtara laptop minghand is-socjeta' ntimata, liema laptop kien difettuz.

Is-socjeta' ntimata pprezentat risposta bil-miktub ghal din it-talba, u attendiet ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrent li huwa l-istess rikorrent, u wara li sema' x-xhieda guramentata tas-socjeta' ntimata, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrent issottometta bil-miktub illi:-**

Huwa kien xtara laptop minghand is-socjeta' ntimata, pero' wara sena u erbgha xhur gralu l-hsara. Ghalhekk, ir-rikorrent kien hadu mill-ewwel lura ghand is-socjeta' ntimata biex jigi msewwi, fejn meta s-socjeta' ntimata fethitu hija nformat lir-rikorrent illi kien marlu l-motherboard u li l-ispejjez kienu ser jitilghu 'l fuq minn tliet mitt Ewro (€300.00).

Ir-rikorrent ma kienx jippretendi illi wara ftit zmien kien ser imurlu l-motherboard, u ghalhekk huwa hadu ghand ingineer tal-compjuters privat, fejn dan qallu l-istess haga, u cioe' li kienet marritlu l-motherboard u li ma jippretendix li tmurlu wara dan il-ftit zmien, u li kellu difett biex mar hekk.

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 - MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070 FAX: (+356) 21239888

Ir-rikorrent ghalhekk qed jitlob illi jinghata l-flus lura jew li jinghata laptop gdid.

Ir-rikorrent ezebixxa kopja ta' ittra datata 23 ta' Settembru 2012, iffirmata minghand Carmel Agius, Computer Engineer.

**Is-socjeta' ntimata ssottomettiet bil-miktub illi:-**

1. Hija ma taqbilx mal-fatti ddikjarati mir-rikorrent u tixtieq tiddikjara l-fatti kif gejjin:

1.1 Fil-5 ta' Mejju 2011, ir-rikorrent xtara HP laptop minghand is-socjeta' ntimata b'garanzija kummercjali ta' sena;

1.2 Fl-14 ta' Novembru 2012, ir-rikorrent gab l-istess laptop ghand il-'workshop' ghaliex skond hu, kien hemm problema mad-display;

1.3 It-technicians wettqu t-testijiet necessarji u minn dawn irrizulta li l-problema kien fil-motherboard tal-unit;

1.4 Peress illi l-garanzija kienet skadiet, is-socjeta' ntimata tat lir-rikorrent quotation ghat-tiswijiet, inkluz il-prezz tal-motherboard gdid, izda r-rikorrent ma riedx ihallas ghalihom u ha l-unit lura.

2. Is-socjeta' ntimata qieghda tikkontesta din it-talba billi:

2.1 Skond il-Ligi, il-kumpanija tibqa' responsabbli ghal perjodu ta' sentejn mid-data tal-bejgh tal-prodott; izda din ir-responsabbilita' testendi biss ghad-difetti latenti li essenżjalment huma differenti fil-manifattura;

2.2 Il-fatt illi l-problema hija f'parti elettroniku tal-unit u mhux fil-mechanics tieghu, huwa wisq probabbli li dan m'huwiex difett fil-manifattura ghaliex, li kieku kien il-kaz, il-problema kienet tfegg ftit xhur wara u mhux wara sena u nofs;

2.3 Hemm diversi affarijiet li setghu kkawzaw dan it-tip ta' hsara, per ezempju, l-mod kif wiehed juza l-power supply jew l-uzu ta' charger li m'huwiex kompatibbli mal-unit. Imbaghad hemm fatturi ohrajn bhala temperatura u l-umdita' li wkoll jistghu jikkawzaw din il-hsara.

3. Ghalhekk, is-socjeta' ntimata tissollevi illi jekk dan m'huwiex xi difett latenti u ladarba l-garanzija kummercjali diga' skadiet, m'ghandha ebda obbligu li tissewwi jew tinbidel il-unit.

Ghaldaqstant, u in vista tas-suespost, it-talba tar-rikorrent ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-istess rikorrent.

Is-socjeta' ntimata ezebiet kopja tal-quotation, immarkata bhala Dok.A.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

Wara li sema' l-partijiet, it-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrent, huwa rega' kkonferma il-verzjoni tieghu bil-miktub.

Ir-rikorrent ezebixxa dokumenti, li gew immarkati bhala Dok.AZ1; u ezebixxa l-laptop in kwistjoni *animo ritirandi* waqt is-seduta.

It-Tribunal jikkonsidra wkoll illi s-socjeta' ntimata fix-xhieda guramentata taghha regghat ikkonfermat il-verzjoni taghha bil-miktub.

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, flimkien mal-fatt illi t-terminu tal-garanzija kienet skadiet meta hareg l-allegat difett, u ma gie ppruvat bl-ebda mod tangibbli illi d-difett kien wiehed latenti, qed jichad it-talba tar-rikorrent, bl-ispejjez tal-kawza kontra l-istess rikorrent.

**Avv. Gabrielle Buttigieg**
**Arbitru**